

DEĊIŻJONI TAL-KULLEĠġ TAL-UFFIĊJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW TAT-12 TA' FRAR 2025

DWAR IL-KONDIZZJONIJIET TAL-IMPJIEG TAL-PROSEKUTURI
DELEGATI Ewropej, u li tissostitwixxi u tħassar id-
Deċiżjonijet 001/2020, 013/2020, 017/2021, 013/2021,
098/2021, 007/2023 u 058/2024 tal-Kulleġġ tal-UPPE

Il-Kulleġġ tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE),

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħha dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE"), minn hawn 'il quddiem imsejħa "ir-Regolament dwar l-UPPE"¹, u b'mod partikolari l-Artikoli 9 u 114(c) tiegħi,

Wara li kkunsidra r-Regolament Nru 31 (KEE), 11 (KEEA), li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Implieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Komunità Ekonomika Ewropea u tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn hawn 'il quddiem imsejħa "ir-Regolamenti tal-Persunal" u, rispettivament "is-CEOS", u b'mod partikolari l-Artikoli 5,123 u 124 tas-CEOS²,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kulleġġ tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew tat-12 ta' Ottubru 2020 dwar ir-Regoli Interni ta' Proċedura tal-UPPE (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ir-Regoli Interni ta' Proċedura"), kif emendata u ssupplimentata, u b'mod partikolari l-Artikoli 31, 33 u 34 tagħha,


Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kulleġġ tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew tat-13 ta' Jannar 2021 dwar ir-Regoli Finanzjarji applikabbli għall-UPPE, kif emendata bid-Deċiżjoni 023/2023 tal-Kulleġġ tal-UPPE tad-19 ta' April 2023 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ir-Regoli Finanzjarji"), u b'mod partikolari l-Artikolu 78 tagħha,

Billi:

- (1) Il-Prosekuturi Delegati Ewropej jiffurmaw il-livell deċentralizzat tal-UPPE li jinsab fl-Istati Membri u għandhom, mill-mument tal-ħatra tagħhom bħala Prosekuturi Delegati Ewropej sat-tmiem tal-mandat tagħhom, ikunu membri attivi tas-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika jew tal-ġudikatura tal-Istati Membri rispettivi li nnominawhom.

¹ ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1-71.

² Ir-Regolament Nru 31 (KEE), 11 (KEEA), li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Implieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Komunità Ekonomika Ewropea u tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU P 045 14.6.1962, p. 1385), u kwalunkwe emenda sussegwenti għalih.



- (2) Skont l-Artikolu 96(6) tar-Regolament dwar l-UPPE, il-Prosekuturi Delegati Ewropej għandhom jiġu ingaġġati bħala konsulenti speċjalist f'konformità mal-Artikoli 5, 123 u 124 tal-Kondizzjonijiet tal-Impieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa "is-CEOS"). Konsegwentement, skont l-Artikolu 124 tas-CEOS, l-Artikoli 1c, 1d, 11, 11a, 12 u 12a, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 16, l-Artikoli 17, 17a, 19, 22, 22a u 22b, l-Artikolu 23 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 25 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-uffiċċali, u l-Artikoli 90 u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar l-appelli, japplikaw b'analoġija għall-Prosekuturi Delegati Ewropej.
- (3) L-Artikolu 114(c) tar-Regolament dwar l-UPPE jipprevedi li l-Kulleġġ għandu jadotta regoli dwar il-kondizzjonijiet tal-impieg, il-kriterji tal-prestazzjoni, l-insuffiċjenza professjonal, id-drittijiet u l-obbligi tal-Prosekuturi Delegati Ewropej, inklużi regoli dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess.
- (4) Ir-regoli dwar il-kondizzjonijiet tal-impieg tal-Prosekuturi Delegati Ewropej inizjalment ġew adottati bid-Deċiżjoni 001/2020 tal-Kulleġġ tal-UPPE tad-29 ta' Settembru 2020. Dawn ir-regoli ġew sussegwentement emendati bid-Deċiżjonijiet 017/2021, 103/2021 u 007/2023 tal-Kulleġġ. Barra minn hekk, diversi deċiżjonijiet separati adottati mill-Kulleġġ minn Settembru 2020 jinkludu diversi dispożizzjonijiet rigward l-ingaġġ tal-Prosekuturi Delegati Ewropej u l-kondizzjonijiet tax-xogħol tagħhom.
- (5) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, huwa xieraq li r-regoli ewlenin kollha dwar il-ħatra, it-tiġdid, l-ingaġġ, id-drittijiet u l-obbligi tal-Prosekutur Delegat Ewropew ikunu previsti fl-istess att, jiġifieri d-deċiżjoni dwar il-kondizzjonijiet tal-impieg tal-Prosekuturi Delegati Ewropej.

Adotta din id-Deċiżjoni:


Kapitulu I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Kamp ta' Applikazzjoni

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi regoli dwar il-kondizzjonijiet tal-impieg tal-Prosekuturi Delegati Ewropej, li jiġu ingaġġati mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) bħala konsulenti speċjalist f'konformità mal-Artikoli 5, 123 u 124 tas-CEOS, għall-fini tal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u t-tressiq quddiem il-ġustizzja ta' reati kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea. Ir-regoli jinkludu l-proċeduri għall-ħatra, l-ingaġġ, it-tiġdid, it-tkeċċija u t-terminazzjoni ta' kuntratti, kif ukoll dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-Prosekuturi Delegati Ewropej u prinċipiċċi ġenerali dwar l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni professjonal u l-kwistjonijiet dixxiplinari tagħhom.



2. Ir-regoli msemmija fil-paragrafu 1 huma kkomplementati mid-dispożizzjonijiet mir-Regolamenti tal-Persunal u mis-CEOS applikabbli b'analoġija għall-konsulenti specċjali skont l-Artikolu 124 tas-CEOS, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'din id-Deċiżjoni.

Kapitolo II

REGOLI DWAR IL-ĦATRA, L-INGAĠġ, IT-TIĠDID U T-TERMINAZZJONI TA' KUNTRATTI TAL-PROSEKUTURI DELEGATI EWROPEJ

TaqSIMA 1

Proċedura ta' ħatra jew rifjut ta' persuna nnominata minn Stat Membru

Artikolu 2


Kriterji ta' eliġibbiltà

Persuna li tkun ġiet innominata minn Stat Membru għal pożizzjoni ta' Prosekat Ewropew għandha tissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà msemmija fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament dwar l-UPPE u, barra minn hekk, għandha jkollha għar-fien sodisaċenti tal-lingwa ta' ħidma għall-attivitajiet operazzjonali u amministrattivi tal-UPPE, adottati skont l-Artikolu 107(2) tar-Regolament dwar l-UPPE.

Artikolu 3

Proċeduri preliminari

- Malli jirċievi n-nomina mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru, il-Kap Prosekat Ewropew għandu jivvaluta jekk il-persuna li tkun ġiet innominata għall-pożizzjoni ta' Prosekat Ewropew tissodisfax il-kriterji ta' eliġibbiltà previsti fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament dwar l-UPPE u fl-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni, abbażi tad-dokumenti pprovduti mill-Istat Membru kkonċernat. Għal dan il-ġhan, il-Kap Prosekat Ewropew għandu jikkonsulta mal-Viċi Kapijiet Prosekat Ewropew u mal-Prosekat Ewropew minn dak l-Istat Membru. Sabiex jappoġġa lili u lill-Kulleġġ fil-valutazzjoni tal-konformità mal-kriterji ta' eliġibbiltà, il-Kap Prosekat Ewropew għandu jaħtar grupp ta' ħidma ta' tliet Prosekat Ewropew. Dan il-grupp ta' ħidma mhuwiex bord tal-għażla u għandu rwol konsultattiv.



2. Għall-fini tal-valutazzjoni skont il-paragrafu 1, il-persuna li tkun ġiet innominata għandha tippreżenta ċertifikat tar-rekord kriminali tagħha u dikjarazzjoni fuq l-unur dwar in-nuqqas ta' kunflitt ta' interessi f'konformità mal-Artikolu 11a tar-Regolamenti tal-Persunal.
3. Jekk id-dokumenti li jakkumpanjaw in-nomina ma jkunux biżżejjed għall-finalizzazzjoni tal-valutazzjoni, il-Kap Prosekat Ewropew:
 - (a) jista' titlob lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat jew lill-persuna nnominata biex tipprovd i-informazzjoni addizzjonali, u/jew
 - (b) jista' jistieden lill-grupp ta' ħidma msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu biex jipprovdilu opinjoni motivata bil-miktub dwar il-konformità mal-kriterji ta' eliġibbiltà.
4. Is-Segretarjat tal-Kulleġġ għandu jiżgura r-reġistrazzjoni adegwata tan-nomini u tad-dokumenti ta' sostenn riċevuti, kif ukoll tal-komunikazzjoni kollha bejn l-UPPE, l-awtoritajiet nazzjonali u/jew il-persuna nnominata fir-rigward tal-proċedura ta' ħatra.

Artikolu 4


Proposta mill-Kap Prosekat Ewropew

1. Fejn isib li l-persuna li tkun ġiet innominata mill-Istat Membru kkonċernat tissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà msemmija fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament dwar l-UPPE u fl-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni, il-Kap Prosekat Ewropew għandu jippreżenta lill-Kulleġġ proposta bil-miktub skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament dwar l-UPPE biex jaħtar lill-persuna rispettiva għal mandat ta' 5 snin, li jista' jiġġedded f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni.
2. Jekk iqis li l-persuna li tkun ġiet innominata ma tissodisfax wieħed mill-kriterji ta' eliġibbiltà jew il-kriterji ta' eliġibbiltà kollha msemmija fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament dwar l-UPPE u fl-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni, il-Kap Prosekat Ewropew għandu jinforma lill-Kulleġġ, lill-persuna nnominata u lill-Istat Membru nominanti, u jistieden lil dan tal-aħħar jippreżenta nomina ġidida. Id-deċiżjoni li ma tijix ippreżentata lill-Kulleġġ il-proposta għall-ħatra ta' persuna li tkun ġiet innominata għall-kariga ta' Prosekat Ewropew għandha tkun motivata, b'mod partikolari billi jiġu indikati l-kriterji ta' eliġibbiltà li ma ġewx issodisfati, kif ukoll ir-rimedji legali disponibbli.

Artikolu 5

Deċiżjoni tal-Kulleġġ

Il-Kulleġġ għandu jiddeċiedi dwar il-ħatra jew ir-rifut abbażi tal-proposta tal-Kap Prosekat Ewropew u, fejn applikabbli, l-opinjoni motivata tal-grupp ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 3(2)(b), id-dokumenti ta' akkumpanjament tan-nomina u, fejn applikabbli, l-informazzjoni u/jew id-dokumenti addizzjonali pprovdu mill-Istat Membru jew mill-persuna kkonċernata.



Artikolu 6

Raġunament u komunikazzjoni tad-deċiżjoni

1. Id-deċiżjoni tal-Kulleġġ li jaħtar jew jirrifjuta persuna li tkun ġiet innominata minn Stat Membru għall-pożizzjoni ta' Prosekatur Delegat Ewropew għandha tkun motivata. B'mod partikolari, deċiżjoni li tirrifjuta persuna li tkun ġiet innominata għall-pożizzjoni ta' Prosekatur Delegat Ewropew għandha tindika l-kriterji ta' eliġibbiltà li ma jkunux ġew issodisfati, kif ukoll ir-rimedji legali disponibbli.
2. Id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi kkommunikata lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rispettiv u lill-persuna kkonċernata.

Artikolu 7

Ingaġġ u kuntratt

1. Il-persuni maħtura bħala Prosekaturi Delegati Ewropej mill-Kulleġġ f'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament dwar l-UPPE u l-Artikolu 5 ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu ingaġġati bħala konsulenti speċjali, skont l-Artikolu 96(6) tar-Regolament dwar l-UPPE, f'konformità mal-Artikoli 5, 123 u 124 tas-CEOS.
2. Għall-fini tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, kull Prosekatur Delegat Ewropew għandu jikkonkludi kuntratt ta' konsulent speċjali mal-UPPE.
3. Il-Kap Prosekatur Ewropew għandu jiffirma l-kuntratti msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.
4. Mingħajr preġjudizzju għall-Artikoli 11 u 12, il-kuntratti ta' konsulenti speċjali kif previst fl-Artikolu 123 tas-CEOS, li bis-saħħha tagħhom il-Prosekaturi Delegati Ewropej jiġu ingaġġati formalment, għandhom jiġu estiżi suċċessivament kif meħtieġ biex ikunu jistgħu jlestu l-mandat tagħhom ta' 5 snin previst fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament dwar l-UPPE.


Taqṣima 2

Proċedura għat-tiġdid tal-ħatra fi tmiem il-mandat ta' 5 snin

Artikolu 8

Prinċipji

1. Mill-inqas sitt xhur qabel it-tmiem ta' mandat ta' 5 snin bħala Prosekatur Delegat Ewropew, il-Kulleġġ għandu jiddeċiedi jekk iġeddid ix il-ħatra jew le f'konformità mar-regoli f'din it-taqṣima.
2. Id-Deċiżjoni li jiġġedded mandat ta' 5 snin jew li ma jiġġeddid ix għandha tkun ibbażata fuq kriterji trasparenti u oġġettivi, inkluż:



- (a) kwalunkwe modifika fil-ftehim bejn il-Kap Prosekatur Ewropew u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-Prosekatur Delegat Ewropew ikkonċernat, f'konformità mal-Artikolu 13(2) tar-Regolament dwar l-UPPE fir-rigward tan-numru ta' Prosekaturi Delegati Ewropej fl-Istat Membru rispettiv;
- (b) il-prestazzjoni tal-Prosekatur Delegat Ewropew ikkonċernat matul il-mandat tiegħu, filwaqt li jitqiesu r-rapporti ta' evalwazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 15 ta' din id-Deċiżjoni, l-opinjoni tal-Prosekatur Ewropew ta' superviżjoni, u, fejn applikabbi, tal-Awli Permanenti.

Artikolu 9


Proċedura

1. Mill-inqas disa' xhur qabel it-tmiem tal-mandat ta' 5 snin ta' kull Prosekatur Delegat Ewropew, l-Unità tar-Riżorsi Umani tal-UPPE għandha titlob id-disponibbiltà u r-rieda tagħhom li jinħatru għal mandat ġdid ta' 5 snin. L-Unità tar-Riżorsi Umani għandha tinforma lill-Kap Prosekatur Ewropew mingħajr dewmien jejjed.
2. Il-Kap Prosekatur Ewropew għandu minn hemm 'il quddiem jipproponi lill-Kulleġġ jew it-tiġidid tal-ħatra tal-Prosekatur Delegat Ewropew għal mandat ieħor ta' 5 snin li jista' jiġi ed-did, jew in-nuqqas ta' tiġidid tal-ħatra.
3. L-Artikoli 5 u 6 ta' din id-Deċiżjoni għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.
4. It-tiġidid tal-mandat ta' 5 snin għandu jiġi deċiż mill-Kulleġġ, fil-kapaċită tiegħu bħala Awtorità tal-ħatra skont l-Artikolu 96(3) tar-Regolament dwar l-UPPE abbażi tal-proposta tal-Kap Prosekatur Ewropew u l-qbil tal-Prosekatur Delegat Ewropew ikkonċernat, mogħtija bil-miktub.

Artikolu 10

Tiġidid tal-kuntratt

Abbażi tad-deċiżjoni ta' tiġidid tal-mandat ta' 5 snin, adottata mill-Kulleġġ skont l-Artikoli 8 u 9 ta' din id-Deċiżjoni, il-Prosekatur Delegat Ewropew ikkonċernat għandu jikkonkludi kuntratt imġedded ta' konsulent speċjali. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 għandhom japplikaw kif xieraq.



Taqsim 3

Tkeċċija u terminazzjoni tal-kuntratt

Artikolu 11


Tkeċċija

- Il-Kulleġġ, fuq proposta mill-Kap Prosekatur Ewropew, għandu jkeċċi Prosekatur Delegat Ewropew fis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 12 u 13 ta' din id-Deċiżjoni. Il-Prosekatur Delegat Ewropew għandu d-dritt li jinstema'.
- Id-deċiżjoni tal-Kulleġġ għandha tiġi kkomunikata lill-Istat Membru, lill-Prosekatur Ewropew ta' superviżjoni u lill-Prosekatur Delegat Ewropew ikkonċernat.
- Id-deċiżjoni li jitkeċċa l-Prosekatur Delegat Ewropew għandha tkun motivata, billi jiġu indikati, fejn applikabbli, il-kriterji ta' eliġibbiltà skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament dwar l-UPPE li ma għadhomx issodisfati.

Artikolu 12

Terminazzjoni bikrija tal-kuntratt

- Fejn il-Prosekatur Delegat Ewropew jipprevedi t-terminazzjoni tal-kuntratt tiegħu qabel tmiem il-mandal ta' 5 snin tiegħu, il-perjodu ta' avviż għandu jkun ta' tliet xhur. Il-Kulleġġ jista' jqassar il-perjodu ta' avviż. L-UPPE għandu jinforma minnufih lill-Istat Membru kkonċernat biex jiġura s-sostituzzjoni f'waqtha tal-Prosekatur Delegat Ewropew f'konformità mal-Artikolu 17(5) tar-Regolament dwar l-UPPE.
- Il-kuntratt jista' jiġi tterminat mill-UPPE mingħajr avviż jekk il-Prosekatur Delegat Ewropew ma jkunx jista' jerġa' jibda dmirijietu wara l-is-kadenza ta' perjodu ta' sitt xhur wara li jkun tqiegħed fuq liv minħabba mard skont l-Artikolu 25 ta' din id-Deċiżjoni. Il-Prosekatur Delegat Ewropew għandu jinstema' qabel ma jintemm il-kuntratt għal din ir-raġuni, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet ġustifikati li jżommuh milli jinstema'. It-terminazzjoni għandha tiġi kkomunikata minnufih lill-Prosekatur Delegat Ewropew kif ukoll lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru rilevanti.
- Il-kuntratt għandu jintemm mingħajr avviż meta s-sanzjoni dixxiplinari ta' tkeċċija tkun ġiet imposta mill-Kulleġġ.
- Il-kuntratt għandu jintemm mill-UPPE mingħajr avviż jekk il-Kulleġġ, fuq proposta motivata magħmula mill-Kap Prosekatur Ewropew, isib li l-Prosekatur Delegat Ewropew ma jibqax jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament dwar l-UPPE jew ma jkunx jista' jwettaq dmirijietu għal raġunijiet għajnej dawk koperti mill-paragrafu 3. Il-konklużjoni li l-Prosekatur Delegat Ewropew ma jissodisfax ir-rekwiżiti skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament dwar l-UPPE tista' tkun ibbażata fuq



informazzjoni relatata mal-perjodu qabel il-ħatra tiegħu li tkun saret magħrufa lill-UPPE fi stadju aktar tard.

Artikolu 13

Terminazzjoni tal-kuntratt f'każ ta' nuqqas ta' tiġidid

Fi tmiem mandat ta' 5 snin, l-inkarigu bħala konsulent speċjali ta' Prosekurur Delegat Ewropew għandu jintemm jekk il-kuntratt ma jiġed-didx skont it-Taqsima 2 tal-Kapitolu II ta' din id-Deċiżjoni.

Kapitolo III

DRITTIJET U OBBLIGI


Taqsima 1

Żvilupp u prestazzjoni professionali

Artikolu 14

Dħul fil-livell u progressjoni

- Il-Prosekuturi Delegati Ewropej għandhom ikunu ingaġġati fuq skala li tinkludi 8 livelli.
- Kull tliet snin, Prosekurur Delegat Ewropew għandu javanza għal-livell li jmiss.
- Prosekurur Delegat Ewropew għandu normalment jiġi reklutat fil-livell 1. F'każ li Prosekurur Delegat Ewropew ikollu aktar minn 5 snin esperjenza ta' xogħol preceding fis-sistema nazzjonali tiegħu jew f'ingaġġ precedingi mal-UPPE, huwa għandu jibbenefika minn livell addizzjonal għal kull perjodu ta' ġames snin sħaħ ta' esperjenza ta' xogħol rilevanti. Tali klassifikazzjoni mad-dħul fis-servizz ma għandhiex taqbeż il-livell 3.
- Prosekurur Delegat Ewropew ma għandux javanza għal-livell li jmiss jekk l-aħħar rapport ta' evalwazzjoni ffinalizzat jikkonkludi li l-prestazzjoni tiegħu ma kinitx sodisfaċenti.



Artikolu 15

Evalwazzjoni

- Il-prestazzjoni professjonalni ta' kull Prosekurur Delegat Ewropew għandha tkun is-suġġett ta' rapport ta' evalwazzjoni kull sentejn, sakemm ma tkunx meħtieġa evalwazzjoni straordinarja. Dan ir-rapport jitqies meta tiġi ddeterminata l-possibbiltà tat-tiġidid tal-mandat, skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament dwar l-UPPE u l-Artikoli 8 sa 10 ta' din id-Deċiżjoni.
- Ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jitfassal skont il-proċedura msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. Fuq talba, ir-rapport għandu jintbagħha mill-Kap Prosekurur Ewropew lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-valutazzjoni interna tagħhom fir-rigward tal-evalwazzjonijiet nazzjonali, bil-kunsens tal-Prosekurur Delegat Ewropew ikkonċernat.
- Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi adottat minn kumitat ta' evalwazzjoni maħtur mill-Kulleġġ fuq proposta mill-Kap Prosekurur Ewropew.
- Il-proċedura għall-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi stabbilita permezz ta' Deċiżjoni separata tal-Kulleġġ.


Taqṣima 2

Intitolamenti finanzjarji

Artikolu 16

Rimunerazzjoni u allowances

- Għall-attività tagħhom, il-Prosekururi Delegati Ewropej huma intitolati għal dan li ġej:
 - rimunerazzjoni bażika fix-xahar li, għal-livell 1 tal-iskala kif imsemmi fl-Artikolu 16 ta' din id-Deċiżjoni, tikkorrispondi għas-salarju bażiku fix-xahar ta' Uffiċjal fil-grupp ta' funzjoni AD, id-9 grad, l-ewwel (1) skala, kif previst fit-tabella fl-Artikolu 66 tar-Regolamenti tal-Persunal. Ir-rimunerazzjoni bażika ta' kull xahar għandha tiżdied b'6 % għal kull livell li jmiss ta' dik l-iskala.
 - l-allowance għas-servizz imsemmi fl-Artikolu 23(4) ta' din id-Deċiżjoni;
 - fejn applikabbli, l-ammont supplimentari msemmi fl-Artikolu 18(1), li jiġi ddeterminat fil-mument tal-ingaġġ, u li jista' jkun soġġett għal reviżjoni wara kwalunkwe bidla sussegwenti fir-rimunerazzjoni ta' referenza nazzjonali meqjusa għall-fini tal-Artikolu 18(1) jew fir-rimunerazzjoni tal-UPPE kif definita f'dan l-Artikolu ta' din id-Deċiżjoni;
 - fejn applikabbli, l-allowance speċjali msemmija fl-Artikolu 21 ta' din id-Deċiżjoni.
- L-intitolamenti msemmija fil-paragrafu (1) huma suġġetti għar-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 1968, li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet u l-proċedura għall-



applikazzjoni tat-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 56, p. 8), kif sussegwentement emendat.

Artikolu 17

Koeffiċjent tal-korrezzjoni u aġġornament annwali

L-Artikoli 64 u 65 tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom japplikaw b'analoġija għall-intitolamenti msemmija fl-Artikolu 16(1), (a), (b) u (d).

Artikolu 18


Ammont supplimentari

1. F'każ li r-rimunerazzjoni netta totali ta' Prosekat Ewropew tkun inqas minn dik li kienet tkun kieku dak il-prosekutur kelli jibqa' biss prosekutur nazzjonali, huwa jista' jitlob, billi jippreżenta dokumenti ta' sostenn xierqa, lid-Direttur Amministrattiv biex jirċievi ammont supplimentari addizzjonal li jiżgura li r-rimunerazzjoni netta totali tkun ugwali għar-rimunerazzjoni nazzjonali netta.
2. Għall-fini tal-paragrafu (1), ir-rimunerazzjoni totali mħallsa mill-UPPE għandha tikkonsisti fl-ammonti msemmija fl-Artikolu 16(1) (a) u (b).
3. F'konformità mal-Artikolu 96(6) tar-Regolament dwar l-UPPE, iż-żieda ma għandha tkopri l-ebda kontribuzzjoni għall-iskema nazzjonali ta' kopertura tas-sigurtà soċjali, tal-pensjoni u tal-assigurazzjoni.
4. L-allowance specjalı msemmija fl-Artikolu 21 ta' din id-Deċiżjoni ma għandhiex titqies meta tiġi stabbilita r-rimunerazzjoni totali tal-Prosekat Ewropew għall-fini tal-Artikolu 16 ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 19

Irkuprar ta' pagamenti żejda

1. Kwalunkwe somma mħallsa żejda għandha tiġi rkuprata jekk ir-riċevitur kien konxju li ma kien hemm l-ebda raġuni dovuta għall-ħlas jew jekk tant kien ovvju li l-ħlas kien żejed li huwa ma setax ma jindunax b'dan.



- It-talba għall-irkuprar trid issir mhux aktar tard minn ġames snin mid-data meta tħallset is-somma. Fejn ir-riċevitur ikun żgwida b'mod deliberat lill-amministrazzjoni bil-ħsieb li jikseb is-somma kkonċernata, it-talba għall-irkupru ma għandieq tiġi invalidata anki jekk dan il-perjodu jkun għadda.

Taqṣima 3

Prosekuturi Delegati Ewropej maħtura biex jissostitwixxu lill-Prosekuturi Ewropej

Artikolu 20


Kompiti addizzjonali ta' Prosekutur Delegat Ewropew maħturi biex jissostitwixxi lill-Prosekutur Ewropew tal-Istat Membru tiegħu

- Il-Prosekutur Delegat Ewropew maħturi biex jissostitwixxi lill-Prosekutur Ewropew għandu, bi qbil mal-Prosekutur Ewropew, jirrapreżenta lill-UPPE fl-Istat Membru ta' oriġini tiegħu għal kwistjonijiet istituzzjonali u amministrattivi li għandhom jiġu diskussi mal-awtoritatjiet nazzjonali kompetenti. Ir-rwol ta' rappreżenza jieqaf fil-preżenza tal-Kap Prosekutur Ewropew jew tal-Prosekutur Ewropew ta' superviżjoni.
- Prosekutur Ewropew ikkonċernat jista' jassenna kompiti amministrattivi addizzjonali lill-Prosekutur Delegat Ewropew sabiex jissostitwixxih. Tali kompiti jistgħu jinkludu, *inter alia*, il-koordinazzjoni tal-persunal imqiegħed għad-diskurzi tal-UPPE fl-Istati Membri tagħhom, kif ukoll ir-relazzjonijiet mal-media u l-komunikazzjoni.
- Fejn il-Kap Prosekutur Ewropew ikun iddelega lil Prosekutur Ewropew il-koordinazzjoni tal-attivitàjiet tal-Prosekuturi Delegati Ewropej b'applikazzjoni tal-Artikolu 34 tar-Regoli ta' Proċedura Interni, il-Prosekutur Ewropew ikkonċernat jista' jiddelega dawn il-kompiti lill-Prosekutur Delegat Ewropew imsemmi fil-paragrafu 1. Il-Kap Prosekutur Ewropew għandu jiġi infurmat b'dan bil-miktub.
- Il-Prosekutur Ewropew jista' jirtira l-kompiti supplimentari msemmija fil-paragrafi 2 u 3 fi kwalunkwe ħin.

Artikolu 21

Allowance speċjali

Jekk il-Kulleġġ japprova l-proposta li jiġu assenjati kompiti addizzjonali lill-Prosekutur Delegat Ewropew maħturi biex jissostitwixxi lill-Prosekutur Ewropew, dan tal-aħħar ikun intitolat għal allowance speċjali ta' kull xahar ta' EUR 600,47.



TaqSIMA 4

Il-kondizzjonijiet tax-xogħol u s-sigurtà soċjali

Artikolu 22

Post tal-impieg

Il-post tal-impieg ta' kull Prosekurur Delegat Ewropew għandu jiġi ddeterminat f'deċiżjoni tal-Kap Prosekurur Ewropew, f'konformità mad-diviżjoni funzjonali miftiehma mal-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament dwar l-UPPE.

Artikolu 23


Reġim tal-ħin tax-xogħol

1. B'analoġija mal-Artikolu 55(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Prosekururi Delegati Ewropej għandhom ikunu dejjem għad-dispożizzjoni tal-UPPE.
2. Is-sigħat tax-xogħol għandhom jiġu ddeterminati abbażi tar-reġim applikabbli għall-prosekururi nazzjonali fl-Istat Membru tal-Prosekurur Delegat Ewropew rispettiv.
3. Barra mill-każijiet previsti fl-Artikoli 37 u 39, il-Kap Prosekurur Ewropew jista' japprova talba minn Prosekurur Delegat Ewropew, għal raġunijiet personali, għal arranġamenti individwali ta' xogħol part-time, dment li tali arranġamenti jkunu permessi taħt ir-reġim tal-ħin tax-xogħol jew tal-liv applikabbli għall-prosekururi nazzjonali fl-Istat Membru tal-Prosekurur Delegat Ewropew rikjedenti. F'każijiet bħal dawn, l-intitolamenti previsti fl-Artikolu 16 għandhom jitħallsu *pro rata*.
4. Għas-sahra maħduma u għad-disponibbiltà barra mis-sigħat tax-xogħol regolari, kif meħtieġ mill-esiġenzi tas-servizz, il-Prosekururi Delegati Ewropej għandhom ikunu intitolati għal allowance għas-servizz bir-rata fissa ta' EUR 483,73 fix-xahar.

Artikolu 24

Liv annwali

1. Id-drittijiet tal-Prosekururi Delegati Ewropej relatati mal-liv annwali huma dawk irregolati mir-regoli u r-regolamenti nazzjonali rispettivi applikabbli għall-prosekururi li jaħdmu fis-servizzi nazzjonali li jibqgħu membri tagħhom, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'din id-Deċiżjoni.




2. Meta jitqiesu r-rekwiżiti relatati mal-kontinwità tas-servizz, it-talbiet għal-liv annwali għandhom jiġu approvati mill-Kap Prosekurur Ewropew.
3. Fejn Prosekurur Delegat Ewropew ma jkunx uża l-liv annwali kollu tiegħu qabel tmiem is-sena kalendara attwali, il-Prosekurur Delegat Ewropew ikkonċernat għandu jkun intitolat li jittrasferixxi għas-sena ta' wara biss l-ammont massimu ta' jiem ta' liv annwali permess mil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli. Jekk il-liġi nazzjonali ma tipprovdix ammont massimu, għandu jaapplika b'analoga l-paragrafu 1 tal-Artikolu 4 tal-Anness V tar-Regolamenti tal-Persunal. F'din is-sitwazzjoni tal-aħħar, l-ammont ta' liv annwali li jista' jiġi ttrasferit ma għandux jaqbeż tħanx il-jum, sakemm ma jkunx approvat mod ieħor mill-Kap Prosekurur Ewropew wara konsultazzjoni mad-Direttur Amministrattiv u mal-Prosekurur Ewropew ta' superviżjoni.
4. B'analoga l-paragrafu 2 tal-Artikolu 4 tal-Anness V tar-Regolamenti tal-Persunal, fejn Prosekurur Delegat Ewropew fil-mument li jitlaq mis-servizz fl-UPPE ma jkunx uża l-liv annwali kollu tiegħu li għaliex kien intitolat matul il-mandat tiegħu fl-UPPE, huwa għandu jitħallas kumpens ugħalli għal wieħed minn tletin tar-rimunerazzjoni tiegħu ta' kull xahar fil-mument tat-tluq mis-servizz għal-kull jum ta' liv dovut lilu, b'massimu ta' 24 jum. Għall-bqija tal-jiem ta' liv annwali mhux użati, fejn applikabbli, il-Kap Prosekurur Ewropew għandu jinforma lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità u jiġu rrispettati d-drittijiet tal-liv tal-eks Prosekurur Delegat Ewropew, fil-livell nazzjonali.
5. B'analoga l-paragrafu 3 tal-Artikolu 4 tal-Anness V tar-Regolamenti tal-Persunal, somma kkalkulata bil-mod previst fil-paragrafu preċedenti għandha titnaqqas mill-ħlas dovut lil Prosekurur Delegat Ewropew li fil-mument tat-tluq mis-servizz ikun ħa liv annwali li jaqbeż l-intitolament tiegħu sa dik id-data.
6. Prosekurur Delegat Ewropew maħtut mingħajr interruzzjoni tas-servizz għall-UPPE bħala Prosekurur Ewropew għandu jkun intitolat li jittrasferixxi kwalunkwe jum ta' liv annwali mhux użat akkumulat qabel din il-ħatra. Wara l-bidla fl-istatus, l-użu tal-jiem ta' liv trasferiti jkun soġġett għar-regoli rilevanti tar-Regolamenti tal-Persunal, tas-CEOS, u tad-dispożizzjonijiet ta' implementazzjoni relatati tagħhom.

Artikolu 25

Liv minħabba mard

1. Id-drittijiet tal-Prosekururi Delegati Ewropej relatati mal-liv minħabba mard huma dawk stabbiliti mir-regoli nazzjonali.
2. Waqt li l-Prosekurur Delegat Ewropew ikun bil-liv minħabba mard, l-UPPE għandu jħallas l-intitolamenti msemmija fl-Artikolu 16(1) bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk previsti mir-regoli



nazzjonali, sakemm tali intitolamenti ma jkunux koperti mill-iskema nazzjonali ta' assigurazzjoni tal-mard.

- It-talbiet għal liv minħabba mard għandhom jiġu rikonoxxuti mill-Kap Prosekat Ewropew.

Artikolu 26


Liv tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri

- Il-Prosekat Ewropej għandhom jibbenefikaw mir-regoli nazzjonali dwar il-liv tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri.
- Waqt li l-Prosekat Ewropew ikun bil-liv tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri, l-UPPE għandu jħallas l-intitolamenti msemmija fl-Artikolu 16(1) bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk previsti mir-regoli nazzjonali, sakemm tali intitolamenti ma jkunux koperti mill-iskema nazzjonali tas-sigurtà soċjali.
- It-talbiet għal-liv tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri għandhom jiġu nnotifikati skont ir-regoli nazzjonali lill-Kap Prosekat Ewropew u kkomunikati lill-Unità tar-Riżorsi Umani għal finijiet amministrattivi.
- Arranġamenti speċjali ta' xogħol part-time matul il-liv tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri jistgħu jiġi approvati mill-Kap Prosekat Ewropew, dment li tali arranġamenti jkunu permessi skont ir-reġim applikabbli għall-prosekat nazzjonali fl-Istat Membru tal-Prosekat Ewropew rispettiv. Il-paragrafu 3 tal-Artikolu 23 għandu japplika *mutatis mutandis*.

Artikolu 27

Tipi oħra ta' liv

- Il-liv għal raġunijiet personali, il-liv speċjali u tipi oħra ta' liv li l-prosekat jistgħu jibbenefikaw minnhom skont il-liġi nazzjonali applikabbli għandhom jingħataw bl-istess kondizzjonijiet lill-Prosekat Ewropej.
- Id-dispożizzjonijiet korrispondenti mill-Anness V tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom japplikaw b'analoġija fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet ekwivalenti tal-liġi nazzjonali.
- It-talbiet għat-tipi ta' liv imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġi approvati mill-Kap Prosekat Ewropew, wara konsultazzjoni mad-Direttur Amministrattiv u mal-Prosekat Ewropew ta' superviżjoni.



Artikolu 28

Il-btajjal pubbliċi

Il-Prosekuturi Delegati Ewropej għandhom jibbenefikaw mir-regoli nazzjonali dwar il-btajjal pubbliċi applikabbli għall-prosekuturi li jaħdmu fis-servizzi nazzjonali li jibqgħu membri tagħhom.


Taqṣima 5

L-etika


Artikolu 29

Attivitajiet esterni

1. “Attività esterna”, kif imsemmija fl-Artikolu 12b tar-Regolamenti tal-Persunal, tfisser kwalunkwe attività, imħallsa jew mhux imħallsa, li:
 - (i) ma tkunx parti mid-dmirijiet tal-Prosekutur Delegat Ewropew, inklużi dawk koperti minn ordni ta’ missjoni jew awtorizzazzjoni għall-ivvja ġġar għal raġunijiet relatati max-xogħol bħall-għoti ta’ diskors jew preżentazzjoni, u
 - (ii) ma tistax titqies b’mod raġonevoli bħala passattemp jew attività ta’ divertiment.
2. B’analoga mal-Artikolu 12b tar-Regolamenti tal-Persunal, Prosekutur Delegat Ewropew li jixtieq jinvolvi ruħu f’attività esterna, kemm jekk bi ħlas kif ukoll jekk le, jew li jwettaq kwalunkwe inkarigu barra mill-ħidma tiegħu għall-UPPE, għandu l-ewwel jikseb il-permess tal-Kap Prosekutur Ewropew. Il-permess għandu jiġi rrifutat jekk l-attività jew l-assenazzjoni inkwistjoni tkun tali li tfixkel it-twettiq tad-dimirijiet tal-Prosekutur Delegat Ewropew jew tkun inkompatibbli mal-interessi tal-UPPE.
3. Dment li jaqqħu fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-Deċiżjoni kif definit fil-paragrafu 1, u li l-Prosekutur Ewropew ta’ superviżjoni jkun informat kif xieraq dwar dan, għandu jitqies li jkun ingħata permess minn qabel għal attivitajiet li jissodisfaw il-kondizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:
 - (a) ma jkunux imħallsin jew ma jiġi generawx dħul;
 - (b) la jkunu segwiti f’kapaċità professionali u lanqas ma jitwettqu għal entità kummerċjali;
 - (c) jitwettqu barra l-ħinijiet tax-xogħol regolari jew ikunu koperti minn liv jew irkupru debitament approvat;



- (d) I-imparzialità u I-oġġettività tal-Prosekutur Delegat Ewropew waqt li jkun qed iwettaq id-dmirijiet tiegħu ma jiġux kompromessi, jew ma jistgħux jidhru li jkunu kompromessi f'għajnejn partijiet terzi, minħabba interassi li jvarjaw minn dawk tal-UPPE;
- (e) I-attività jew l-assenjazzjoni esterna ma jkollha l-ebda impatt negattiv fuq ir-reputazzjoni u/jew fuq l-affidabbiltà tal-UPPE;
- (f) ikun hemm konformità mal-obbligi l-oħra stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.
4. Bħala eżempji, I-attivitàajiet li ġejjin fil-prinċipju jitqiesu li jissodisfaw il-kondizzjonijiet obbligatorji stabbiliti hawn fuq biex il-permess minn qabel jitqies li jkun ingħata:
- kwalunkwe attivitā mhux imħalla li ma għandha l-ebda rabta mal-attivitàajiet tal-Unjoni Ewropea / tal-UPPE, titwettaq f'kapaċità purament privata, u titwettaq minn żmien għal żmien biss, skont il-ħtieġa, b'mod partikolari:
 - (i) attivitajiet ta' karità u umanitarji;
 - (ii) attivitajiet relatati mal-isport jew il-benesseri;
 - (iii) xogħol ta' artiġjanat, attivitajiet artistiċi jew kulturali;
 - attivitajiet ta' tagħlim mhux imħalla sakemm ma jitwettqux għal entità kummerciali;
 - is-sempliċi sjeda ta' assi jew ta' parteċipazzjonijiet, jew il-ġestjoni tal-patrimonju personali jew tal-familja, kemm jekk f'kapaċità privata kif ukoll jekk bħala azzjonist ta' kumpanija, iżda mhux it-tmexxija ta' negozju;
 - is-sempliċi sħubija ta' ordni jew assoċjazzjoni professjonal, sakemm il-kodiċi ta' kondotta tal-ordni jew tal-assoċjazzjoni ma jkunx f'kunflitt mal-obbligi tal-Prosekutur Delegat Ewropew skont ir-Regolament dwar l-UPPE u din id-Deċiżjoni.
5. B'analoġija mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 16 tar-Regolamenti tal-Persunal, Prosekutur Delegat Ewropew li jkollu l-ħsieb li jinvolfi ruħu f'attività okkupazzjonali għajr il-funzjoni tiegħu bħala prosekutur nazzjonali jew fi ħdan il-ġudikatura nazzjonali fi żmien sena wara t-tmiem tal-mandat tiegħu bħala Prosekutur Delegat Ewropew, għandu jinforma lill-Kap Prosekutur Ewropew b'dan; dan tal-aħħar għandu jinforma lill-Kulleġġ. Jekk I-attività rispettiva tkun relatata ma' investigazzjonijiet imwettqa mill-Prosekutur Delegat Ewropew matul is-servizz tiegħu fi ħdan l-UPPE u tista' twassal għal kunflitt mal-interessi leġġitimi tal-UPPE, il-Kulleġġ jista', wara li jikkunsidra l-interessi tas-servizz, jew jipprobixx milli jagħmel dan jew jagħti l-approvazzjoni tiegħu soġġett għal kwalunkwe kondizzjoni li jqis xierqa. Il-Kulleġġ għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu fi żmien 30 jum tax-xogħol minn meta jiġi infurmat b'dan. Jekk tali notifika ma ssirx sa tmiem dak il-perjodu, jitqies li dan ifisser aċċettazzjoni impliċita.



Artikolu 30

Konformità mal-etika

Il-Prosekatu Delegati Ewropej għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet applikabbi tar-Regoli ta' Proċedura Interni tal-UPPE u r-regoli speċjali kollha adottati mill-Kulleġġ fil-qasam tal-etika u dd-dikjarazzjoni tal-interessi.

Artikolu 31

Żvelar ta' informazzjoni fi proċedimenti legali

Bis-saħħha tal-Artikolu 124 tas-CEOS, l-Artikolu 19 tar-Regolamenti tal-Persunal jaapplika b'analoġija għall-Prosekatu Delegati Ewropej. Madankollu, l-Artikolu 19 tar-Regolamenti tal-Persunal ma għandux jiġi interpretat bħala li jaapplika għall-iżvelar fi proċedimenti legali minn Prosekatu Delegati Ewropej fil-qadi ta' dmiri jiet hom.

Artikolu 32

Dritt għal assistenza

1. B'analoġija mal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal, l-UPPE għandu jassisti Prosekatu Delegat Ewropew, b'mod partikolari fi proċedimenti kontra kwalunkwe persuna li twettaq theddid, atti jew kliem ta' insult jew malafama, jew kwalunkwe attakk fuq persuna jew proprijetà li għalih huwa jew membru tal-familja tiegħi huwa soġġett minħabba l-pożizzjoni jew id-dmiri tiegħi.
2. L-UPPE għandu jikkumpensa b'mod konġunt u separatament lill-Prosekatu Delegat Ewropew għad-dannu mgħarrab f'każijiet bħal dawn, sa fejn il-Prosekatu Delegat Ewropew ma jkunx ikkawża ħsara intenzjonalment jew minħabba negliżenza serja u ma jkunx seta' jikseb kumpens mill-persuna li kkawżatlu dan.


Kapitolo IV

PROĊEDIMENTI DIXXIPLINARI

Artikolu 33

Azzjoni u proċedimenti dixxiplinari

1. Kwalunkwe nuqqas minn Prosekatu Delegat Ewropew li jikkonforma mal-obbligi professionali tiegħi, kif previst fir-Regolament dwar l-UPPE, l-Artikolu 124 tas-CEOS u din id-Deċiżjoni, kemm jekk



intenzjonalment kif ukoll jekk b'negliġenza min-naħħa tiegħu, għandu jagħimlu soċġġett għal azzjoni dixxiplinari.

2. Meta Prosekatuer Delegat Ewropew isir jaf b'evidenza ta' nuqqas skont it-tifsira tal-paragrafu 1, huwa jista' jniedi investigazzjonijiet amministrattivi biex jivverifika jekk seħħix dan in-nuqqas.
3. L-imbija ħażina li tista' twassal għal azzjoni dixxiplinari u l-proċedura dixxiplinari kontra l-Prosekaturi Delegati Ewropej għandha tiġi determinata f'deċiżjoni separata (minn hawn 'il quddiem imsejħha "id-deċiżjoni dwar il-proċedura dixxiplinari") li għandha tiġi adottata mill-Kulleġġ fuq proposta tal-Kap Prosekatuer Ewropew.
4. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom ikunu mingħajr preġjudizzju għall-indipendenza tal-Prosekaturi Delegati Ewropej kif previst fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament dwar l-UPPE.

Artikolu 34

Kompożizzjoni tal-Bord tad-Dixxiplina

B'deroga mill-Artikolu 5(2) tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, il-proċedura applikabbi għall-Bord tad-Dixxiplina u l-kompożizzjoni tiegħu għandhom jiġu ddeterminati fid-deċiżjoni dwar il-proċedura dixxiplinari.

Artikolu 35


Sospensjoni

1. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 23 u 24 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal jaapplikaw b'analoġija għad-deċiżjoni ta' sospensjoni ta' Prosekatuer Delegat Ewropew.
2. Id-Deċiżjoni li jiġi sospisiż Prosekatuer Delegat Ewropew għandha tittieħed mill-Kulleġġ fuq proposta mill-Bord tad-Dixxiplina meta jkun hemm raġunijiet serji biex wieħed jemmen li l-ksur dixxiplinari jista' jwassal għall-miżura dixxiplinari ta' tkeċċija.

Artikolu 36

Miżuri dixxiplinari

1. Il-miżuri dixxiplinari applikabbi għall-Prosekaturi Delegati Ewropej għandhom jiġu ddeterminati fid-deċiżjoni dwar il-proċedura dixxiplinari.
2. B'deroga mill-Artikolu 11 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, kwalunkwe miżura dixxiplinari kontra Prosekatuer Delegat Ewropew għandha tittieħed mill-Kulleġġ biss fuq proposta mill-Bord tad-Dixxiplina u f'konformità mad-deċiżjoni dwar il-proċedura dixxiplinari.



Kapitolu V

DISPOŻIZZJONIJIET OĦRAJN

Artikolu 37


Prosekuturi Delegati Ewropej li jeżerċitaw funzionijiet bħala prosekuturi nazzjonali

1. Prosekutur Delegat Ewropew jista' jkompli jeżerċita funzionijiet bħala prosekutur nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 13(3) tar-Regolament dwar I-UPPE biss jekk dan ikun permess skont il-ftehim milħuq, skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament dwar I-UPPE, bejn il-Kap Prosekutur Ewropew u l-awtorità rilevanti tal-Istat Membru tal-Prosekutur Delegat Ewropew rispettiv.
2. Meta Prosekutur Delegat Ewropew ta' Stat Membru jeżerċita wkoll funzionijiet bħala prosekutur nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 13(3) tar-Regolament dwar I-UPPE, I-UPPE għandu jħallas ir-rimunerazzjoni skont l-Artikolu 16 ta' din id-Deċiżjoni u l-Istat Membru għandu jirrimborża lill-UPPE għall-ħidma attwali mwettqa bħala prosekutur nazzjonali.

Artikolu 38

Kondizzjonijiet speċjali

1. F'konformità mal-Artikolu 13(3) tar-Regolament dwar I-UPPE, Prosekutur Delegat Ewropew li jkompli jeżerċita funzionijiet bħala prosekutur nazzjonali għandu jinforma lill-Prosekutur Ewropew ta' superviżjoni tiegħu dwar il-funzjonijiet tiegħu fil-kapaċità nazzjonali, inkluża kwalunkwe sitwazzjoni li timpedih milli jissodisfa l-obbligi tiegħu fil-kapaċità ta' Prosekutur Delegat Ewropew, inkluż kwalunkwe kunflitt ta' interess li jista' jinqala'.
2. L-Artikolu 23(1) ta' din id-Deċiżjoni għandu japplika bis-sħiħ għall-Prosekuturi Delegati Ewropej li jkomplu jeżerċitaw funzionijiet bħala prosekuturi nazzjonali.
3. Il-kriterji biex tiġi ddeterminata f'kull każ individwali l-valutazzjoni tal-ħidma reali mwettqa kull xahar mill-Prosekutur Delegat Ewropew f'isem l-UPPE u f'isem l-awtoritajiet nazzjonali, kif ukoll il-modalitajiet preċiżi ta' rimborż mill-Istat Membru tal-UPPE, għandhom jiġu determinati minn arranġament ta' ħidma bejn l-UPPE u l-awtorità rilevanti tal-Istat Membru rispettiv. Dan l-arranġament jista' jiġi konkluż permezz ta' skambju ta' ittri.



Artikolu 39

Eċċeazzjoni

1. F'każijiet eċċeazzjonali, dment li l-ftehim previst fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament dwar l-UPPE jippermetti dan, Prosekurur Delegat Ewropew jista' jiġi awtorizzat jeżerċita esklussivament funzjonijiet bħala prosekutur nazzjonali, għal perjodu ta' mill-inqas xahar u mhux itwal minn sena, li għandu jiġi ddeterminat fil-ftehim imsemmi fl-Artikolu 37(1). Il-ftehim jista' jiġġedded.
2. Il-kuntratt tal-Prosekurur Delegat Ewropew li jeżerċita esklussivament funzjonijiet bħala prosekutur nazzjonali għandu jinkludi referenza għal dan l-arranġament u jispeċifika t-tul ta' żmien mistenni/massimu tiegħu.
3. Meta Prosekurur Delegat Ewropew jeżerċita esklussivament funzjonijiet ta' prosekutur nazzjonali, huwa għandu jkompli jitħallas mill-awtorită nazzjonali kompetenti fil-kapaċità tiegħu bħala prosekutur nazzjonali u skont ir-regoli nazzjonali applikabbi.
4. Matul il-perjodu li fih Prosekurur Delegat Ewropew jeżerċita esklussivament funzjonijiet bħala prosekutur nazzjonali, f'konformità mal-paragrafu 1, id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 23 sa 27 u tal-Artikolu 32 ta' din id-Deċiżjoni ma għandhomx japplikaw għalihi.
5. Fi kwalunkwe ħin, jekk il-ftehim imsemmi fl-Artikolu 37(1) ta' din id-Deċiżjoni jiġi modifikat fir-rigward tal-Prosekuturi Delegati Ewropej ingaġġati f'konformità mal-paragrafu 1, dawk il-Prosekuturi Delegati Ewropej għandhom ikunu ingaġġati f'konformità mar-regoli ġenerali minn din id-Deċiżjoni jew skont l-Artikoli 37–38 ta' din id-Deċiżjoni, rispettivament. It-terminu stabbilit fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament dwar l-UPPE għandu jiġi kkalkolat mill-jum li fih il-kuntratt tal-Prosekurur Delegat Ewropew jiġi emendat b'mod korrispondenti.


Kapitolu VI

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 40

Delegazzjoni

Il-Kap Prosekurur Ewropew jista' jiddelega lid-Direttur Amministrattiv il-kompli msemmi fl-Artikolu 7(3) ta' din id-Deċiżjoni u lill-Prosekurur Ewropew ta' superviżjoni rilevanti l-kompli msemmija fl-Artikoli 24, 25 u 26 ta' din id-Deċiżjoni.



Artikolu 41


Sostituzzjoni u tħassir

1. Fid-data tad-dħul fis-seħħi ta' din id-Deċiżjoni, id-deċiżjonijiet li ġejjin huma b'dan sostitwiti u mħassra:
 - (1) Id-Deċiżjoni 001/2020 tal-Kulleġġ tal-UPPE tad-29 ta' Settembru 2020 li tistabbilixxi regoli dwar il-kondizzjonijiet tal-impieg tal-Prosekuturi Delegati Ewropej;
 - (2) Id-Deċiżjoni 013/2020 tal-Kulleġġ tal-UPPE tas-16 ta' Novembru 2020 li tistabbilixxi regoli dwar il-proċedura għall-ħatra tal-Prosekuturi Delegati Ewropej;
 - (3) Id-Deċiżjoni 013/2021 tal-Kulleġġ tal-UPPE tal-24 ta' Frar 2021 li tistabbilixxi regoli dwar il-kompli u d-drittijiet tal-Prosekuturi Delegati Ewropej maħtura biex jissostitwixxu I-Prosekuturi Ewropej tal-Istati Membri tagħhom;
 - (4) Id-Deċiżjoni 017/2021 tal-Kulleġġ tal-UPPE tal-24 ta' Marzu 2021 li temenda u tissupplimenta d-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 001/2020 tad-29 ta' Settembru 2020 li tistabbilixxi regoli dwar il-kondizzjonijiet tal-impieg tal-Prosekuturi Delegati Ewropej;
 - (5) Id-Deċiżjoni 098/2021 tal-Kulleġġ tal-UPPE tat-22 ta' Settembru 2021 li tistabbilixxi regoli dwar il-proċedura għall-valutazzjoni tal-konformità persistenti ta' Prosekutur Delegat Ewropew mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament dwar I-UPPE;
 - (6) Id-Deċiżjoni 007/2023 tal-Kulleġġ tal-UPPE tat-22 ta' Frar 2023 li temenda u tissupplimenta d-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 001/2020 tad-29 ta' Settembru 2020 li tistabbilixxi regoli dwar il-kondizzjonijiet tal-impieg tal-Prosekuturi Delegati Ewropej, kif emendata u ssupplimentata bid-Deċiżjonijiet tal-Kulleġġ 017/2021 u 103/2021;
 - (7) Id-Deċiżjoni 058/2024 tal-Kulleġġ tal-UPPE tal-10 ta' Ottubru 2024 dwar il-membri tal-grupp ta' ħidma maħtura biex jivvalutaw il-konformità tal-Prosekuturi Delegati Ewropej nominati mill-Istati Membri mal-kriterji ta' eliġibbiltà.
2. Fid-data tad-dħul fis-seħħi ta' din id-Deċiżjoni, ir-referenzi għad-deċiżjonijiet sostitwiti u mħassra skont il-paragrafu 1 għandhom jinftieħmu bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 42

Dħul fis-seħħi u applikabbiltà

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħi fil-ħmistax-il jum wara d-data tal-adozzjoni tagħha mill-Kulleġġ tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE).
2. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-kuntratti ta' impieg ta' Prosekuturi Delegati Ewropej iffirmsi wara d-dħul fis-seħħi tagħha. Għall-kuntratti li jkunu għaddejjin, li jibqgħu validi, din id-Deċiżjoni għandha tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħi tagħha għall-effetti futuri ta' dawk ir-relazzjonijiet ta'



imprieg³, īlief għall-Artikoli 14(4) u 39(1) ta' din id-Deċiżjoni, li ma japplikawx sakemm jiġeddu l-kuntratti li jkunu għaddejjin.

Magħmul fil-Lussemburgu fit-12 ta' Frar 2025.

F'isem il-Kulleġġ,

Laura Codruṭa KÖVESI

Kap Prosekuratur Ewropew

³ F'konformità mal-prinċipju li r-regoli l-ġodda japplikaw immedjatament għall-effetti attwali u futuri ta' sitwazzjonijiet li rriżultaw taħt ir-regoli preċedenti. Ara wkoll is-Sentenza fil-każ T-494/23, HG vs il-Kummissjoni, 16.10.2024, EU:T:2024:703, il-punti 22-23.